

L-obbligazzjoni għall-kondiviżjoni tad-data – Regolament tal-Prodotti Bijoċidali (UE) Nru 528/2012

Punti ewlenin

- 1) Biex ikun minimizzat l-ittestjar li jinvolvi annimali vertebrati u d-duplikazzjoni ta' testijiet eżistenti, wieħed mill-prinċipji ewlenin tar-Regolament tal-Prodotti Bijoċidali (UE) Nru 528/2012 (BPR) huwa l-kondiviżjoni tal-istudji bejn l-applikanti, fejn dan ikun mitlub.
- 2) Applikanti eżistenti u prospettivi huma mitluba skont il-BPR biex jagħmlu kull sforz biex jassiguraw li l-ispiża għall-kondiviżjoni tat-testijiet u l-istudji mitluba jkunu determinati b'mod ġust, trasparenti u mhux diskriminatorju.
- 3) Kull applikant prospettiv huwa mitlub biss jikkondividi l-ispejjeż għall-informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni tiegħu.
- 4) Il-kumpaniji huma mħeġġa biex iżommu kull komunikazzjoni ma' parti terza, minħabba li dan jista' jkun mitlub mill-ECHA fil-kuntest ta' klejm ta' tilwima ta' kondiviżjoni ta' data.
- 5) Kull applikant prospettiv li jibda proċedura ta' tilwima ta' kondiviżjoni ta' data mal-ECHA jrid juri l-isforzi magħmula mill-partijiet kollha biex jintlaħaq ftehim u jrid juri evidenza dokumentata xierqa.
- 6) Il-klejms ta' tilwima ta' kondiviżjoni ta' data jridu jibdew bħala l-aħħar pass, i.e. jibdew biss wara li l-isforzi kollha possibbli u argumenti jkunu ġew eżawsti u n-negożjati jkunu għaldaqstant fallaw.
- 7) Kull applikant prospettiv involut f'tilwima ta' kondiviżjoni ta' data jrid dejjem jikseb deċiżjoni mill-ECHA **qabel** jissottometti dossier ta' applikazzjoni.
- 8) Sakemm ikun għaddej l-ipproċessar ta' tilwima ta' kondiviżjoni ta' data, l-ECHA tinkoraġġixxi l-partijiet kollha li qed jinnegożjaw biex jagħmlu kull sforz biex jintlaħaq ftehim.